MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2215/2004

**Atlas Insurance Ltd kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Joseph Borg u l-istess Joseph Borg f'ismu proprju**

**vs**

**Jason Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru 2004 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm172.75) rapprezentanti ammont ekwivalenti jew somma verjuri mhallsa bhala danni mill-atturi fuq vettura numru JBP 001 assikurata comprehensive hlief ghal Lm50 excess u ghal liema somma s-socjeta' attrici tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Borg u

dana b'rizultat ta' habta li grat fl-14 ta' April 2004 gewwa San Pawl il-Bahar meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura EBY 548 habat mal-vettura JBP 001 ta' Joseph Borg u misjuqa minnu u ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-4 ta' Gunju 2004 u ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 2004 u bl-imghaxijiet legali fuq is-somma rikjesta mid-data tal-precitata ittra ufficcjali sal-pagament effettiv ghas-saldu u kif ukoll bl-ispejjez tal-ittra ufficjali prezentata mad-data tal-odjern avviz rikjesta mill-ligi kontra l-Bus Pool qua assikuraturi tal-konvenut u kif ukoll Lm15 konsult kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-13 ta' Lulju 2004 u bl-ispejjez kollha nkluz ta' dina l-istanza kif rikjesti mill-atturi ghandhom jigu sopportati nteramant mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------